**Diskors mill-Onorevoli Myriam Spiteri Debono**

**Speaker tal-Kamra tad-Deputati**

**Parlament ta' Malta**

**fl-okkażjoni tal-kommemorazzjoni**

**tas-*SETTE GIUGNO***

**Is-Sibt, 7 ta' Ġunju 1997**

Din is-sena grazzi għall-piż tal-inkarigu fdat lili mir-rappreżentanti tal-poplu Malti għandi l-privileġġ, mhux ukoll mingħajr ċertu toqol, li naqsam mal-poplu Malti l-ħsebijiet tiegħi dwar il-ġurnata tal-lum.

Is-7 ta' Ġunju, 1919 jikkostitwixxi fl-istorja Maltija ta' dan is-seklu r-rewwixta li kienet il-kulminazzjoni ta' twaħħid bejn l-aspirazzjonijiet ta' dawk li kienu jifformaw il-klassi tal-mexxejja tal-ħsieb ta' dak iż-żmien għal awtonomija fit-tmexxija ta' pajjiżna u l-bżonnijiet essenzjali għal poplu li ried jgħix bix-xogħol u jiekol bl-għaraq. Jista' jingħad li l-iskuntentizza u t-tbatija materjali u n-nuqqas ta' livell diċenti tal-għajxien irriżultaw fl-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju, liema irvellijiet kienu l-katalist għall-għoti tal-Kostituzzjoni storika magħrufa bħala l-*Amery Milner Constitution* tal-1921 li tat lil Malta l-ewwel gvern awtonomu rappreżentattiv u responsabbli għalkemm b'ċertu limitazzjonijiet.

Il-Kostituzzjoni tal-1921 nediet f'Malta wkoll sistema elettiva bbażata fuq ir-rappreżentanza proporzjonali, iżda l-Gvern Ingliż din il-Kostituzzjoni kien għad kellu d-dritt li jissospendiha u fil-fatt il-Kostituzzjoni tal-1921 ġiet sospiża darbtejn, bejn l-1931-1932 u l-1933-1936 qabel ma ġiet revokata fl-1936. Wara dan fl-1936 u fl-1939 ingħataw żewġ kostituzzjonijiet oħra li kienu aktar limitati fid-drittijiet li kienu jagħtu lill-poplu Malti. Bla dubju l-Kostituzzjoni tal-1947 hija l-aktar waħda importanti mil-lat ta' żvilupp kostituzzjonali. Mhux biss kienet kważi identika ma' dik tal-1921, ħlief illi kellha Parlament unikamerali, iżda għall-ewwel darba l-adulti kollha, inkluż in-nisa, ingħataw il-vot u ngħataw vot wieħed biss għaliex kienet din il-kostituzzjoni ta' 50 sena ilu li aboliet il-*plural voting*.

Huwa fatt sinifikanti li din il-kostituzzjoni, bħall-kostituzzjoni tal-1921, ġiet immedjatament wara gwerra dinjija, gwerra li ħalliet ħafna ġrieħi fuq il-poplu Malti. L-internament ta' mexxejja politiċi matul din il-gwerra u t-twelid ta' moviment trejdunjonistiku f'saħħtu li għen ukoll fit-tisħiħ ta' moviment politiku tal-ħaddiema kienu fatturi strumentali biex tingħata din il-kostituzzjoni.

L-istorja aktar riċenti ta' pajjiżna tpoġġi fuq pedestall għalih il-Kostituzzjoni tal-1964 li tat lil Malta l-indipendenza, liema Kostituzzjoni ġiet emendata biex għamlet lil Malta Repubblika fl-1974. Din il-Kostituzzjoni hi l-qofol tal-ordinament tas-soċjetà tagħna msejsa fuq it-tliet pilastri ta' Parlament, Eżekuttiv u Qrati.

Il-Parlament huwa l-prodott ta' ideat politiċi, ideat li ħafna drabi jagħtu lok għal interpretazzjonijiet differenti, ideat min-natura tagħhom dinamiċi li joħolqu diskussjoni, li jistgħu jfissru u jitfissru differenti fi żmenijiet differenti u għal gruppi ta' nies, popli u individwi differenti. Għaldaqstant hija naturali, riżultat tal-proċess storiku u kulturali tal-poplu tagħna, il-perspettiva nazzjonali tal-Parlament Malti, perspettiva li fl-għaġna tagħha jispikkaw l-elementi ta' governabbilità, ta' rappreżentanza, ta' responsabilità, ta' skrutinju tal-Eżekuttiv, ta' korp leġiżlattiv u llum kulma jmur f'demokrazija matura u moderna jrid ukoll jingħata l-piż li jistħoqq lill-opinjoni pubblika, lid-drittijiet u lill-aspirazzjoni tal-individwu bħala ċittadin u lil mod kif valuri essenzjali għal soċjetà f'saħħitha jridu jiġu msaħħa bi strutturi ġodda ntiżi biex il-Parlament, apparti l-funzjonijiet tradizzjonali tiegħu, jista' dejjem aktar ikun rappreżentattiv f'termini wesgħin tas-soċjetà li teleġġih.

Il-Parlament Malti huwa magħmul minn Gvern u Oppożizzjoni li għal dawn l-aħħar 30 sena kienu ġejjin miż-żewġ partiti politiċi prinċipali. Id-deputat indipendenti minn rabtiet partiġjani huwa fenomenu li ma tantx esperjenzajnieh. Aktar ma l-Gvern ikollu maġġoranza ta' siġġijiet parlamentari aktar għandu s-saħħa biex iwettaq il-programm leġiżlattiv tiegħu. Għaliex fil-prattika għalkemm teżisti l-fakultà li kull Membru Parlamentari jipproponi leġiżlazzjoni, huwa l-Gvern li normalment jinizja leġiżlazzjoni u dan għaliex għandu s-saħħa numerika biex jgħaddiha. Din is-saħħa numerika l-Gvern jista' wkoll jutilizzaha biex jgħaddi mill-Parlament mozzjonijiet ta' proċedura intiżi biex iwarrbu r-regoli tal-Kamra, speċjalment f'każijiet fejn il-Gvern ikun jidhirlu li l-Oppożizzoni tkun teċċedi l-limiti ta' skrutinju jew ukoll minħabba esiġenzi oħra. L-Oppożizzjoni min-naħa l-oħra tista' taġixxi b'mod li tiġi interpretata mill-Gvern li qiegħda xxekkel. Żgur li mhuwiex desiderabbli bl-ebda mod li parlament jitmexxa bl-impożizzjoni tal-maġġoranza u bit-tixkil tal-minoranza, speċjalment minħabba l-fatt li f'pajjiżna nħossni kburija li ngħid li lħaqna biżżejjed *consensus* fuq ċerti materji u anke f'din il-leġiżlatura wkoll diġà kellna liġijiet li għaddew bil-kunsens tal-Parlament kollu.

Għalhekk jidher li għandna wkoll il-maturità demokratika meħtieġa biex flimkien nirregolaw kif se nittrattaw u niddiskutu dawk il-ħwejjeġ li mhux faċli naqblu dwarhom. Il-koperazzjoni bejn Gvern u Oppożizzjoni fir-regolar tax-xogħol tal-Kamra hija neċessità demokratika, prattika li tmur lil hinn minn demokrazija fis-sens riġidu ta' maġġoranza u ta' minoranza li ttendi li ssir maġġoranza, iżda li timxi bl-aċċettazzjoni tal-prinċipju bażiku li l-poplu huwa sovran, illi l-ġid tal-poplu jiġi l-ewwel bil-flessibilità li dan il-prinċipju pjuttost iġib miegħu fl-implimentazzjoni prattika tiegħu minn żmien għal żmien.

Fl-aħħar mill-aħħar l-infurzar tal-liġijiet li jsiru fil-Parlament jiddependi ħafna fuq kemm ikunu aċċettati minn dawk li jintlaqtu minhom, mill-poplu u għalkemm jista' jkun jeżisti nuqqas ta' qbil fil-prinċipju bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra, il-kontribut taż-żewġ naħat, speċjalment fl-istadju ta' Kumitat permezz ta' membri individwali li jkollhom ċerta esperjenza fis-suġġett li jkun qed jiġi diskuss, jgħin fl-irqim tal-liġi li fl-aħħar mill-aħħar se jservi lill-komunità kollha kemm hi.

Dan huwa wkoll bla dubju wieħed mill-elementi ewlenin li għandu jiddistingwi demokrazija parlamentari minn partitokrazija minkejja l-għeruq partiġjani tas-sistema politika tagħna. Il-preżenza ta' individwi b'*expertise* f'ċerti oqsma fil-Parlament hija xi ħaġa fluwida li ma tistax tiġi regolata u f'dan il-kuntest jidher li l-introduzzjoni f'dawn l-aħħar sentejn tal-kumitat permanenti tal-Kamra li għandhom il-fakultà li jsejħu esperti fl-oqsma li jaqgħu tagħhom, jistgħu jgħinu biex ċerti lakuni jimtlew.

L-iskrutinju tal-operat tal-Gvern mill-Parlament mhuwiex biss dover li jaqa' fuq il-grupp ta' Membri Parlamentari li jifformaw l-Oppożizzjoni kollettivament, iżda huwa wkoll dover ta' kull Membru Parlamentari individwali, sew lejn il-poplu inġenerali kif ukoll lejn il-kostitwenti tiegħu in partikolari u l-ħin tal-mistoqsijiet huwa bla dubju għodda ta' skrutinju.

Il-Membri Parlamentari tagħna jirċievu onorarja għas-servizz tagħhom. Ħafna mill-Membri Parlamentari jibqgħu għaddejjin b'xogħol ieħor li jkunu jagħmlu. Infatti jista' jingħad li huma biss dawk il-membri li jagħu taħt ċerti kategoriji u minħabba ċirkostanzi partikolari li bħala mezz ta' għajxien ikollhom biss din l-onorarja li mhijiex fin-natura tagħha ntiża biex

tkun mezz uniku ta' għajxien. Minkejja dan, Membri Parlamentari jagħtu ħafna mill-enerġija tagħhom fis-servizz tal-poplu u żgur li għandna naraw li nipprovduhom bil-faċilitajiet u bil-mezzi biex ikunu jistgħu jaqdu l-funzjoni tagħhom aħjar. Dawn jirrikjedu l-ewwel u qabel kull ħaġa oħra l-ħolqien ta' spazju fiżiku u wasal iż-żmien li nimplimentaw bis-serjetà l-proposta li kienet oriġinat fi żmien l-iSpeaker ta' qabli, l-Onor. Lawrence Gonzi, approvata mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, illi l-Palazz ikun fih biss l-uffiċini tal-President u tal-Parlament. Dan *in vista* ukoll tal-fatt li jidher li l-Kumitati Permanenti tal-Kamra issa qabdu ritmu tajjeb ta' xogħol, ritmu li f'ċertu ħin ikollu jiġi mmansat minħabba li neċessarjament irid isir koordinament minħabba limitazzjoni ta' spazju. Teżisti wkoll il-possibilità li x-xogħol tal-Parlament ikun jirrikjedi l-ħolqien ta' kumitati magħżula jew ukoll ta' kumitati permanenti oħra.

Minn żmien għal żmien il-Qrati stess, permezz tal-iSpeaker, iġibu għall-attenzjoni tal-Kamra l-eżistenza ta' liġijiet li fl-operat tagħhom imorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-individwu jew kontra l-Kostituzzjoni. Ma jagħmilx sens li l-Kamra ma jkollhiex ukoll il-makkinarju neċessarju biex tasal biex tirrimedja dan u dan jista' jsir permezz ta' ħolqien ta' kumitat permanenti speċifikament b'dan il-għan.

Dawn l-aħħar snin fil-Parlament seħħew ukoll żviluppi li saħħew id-dutrina tad-distribuzzjoni tat-tliet poteri tal-istat f'pajjiżna li jkomplu jsaħħu l-bilanċ li għandu jeżisti bejn id-dritt tal-Gvern li jiggverna u d-dmir tal-Parlament fil-kuntest kollettiv tiegħu li jesiġi rendikont ta' għemilu mingħand l-Eżekuttiv fejn tidħol l-amministrazzjoni tal-ġid tan-nazzjon. Din il-funzjoni parlamentari ttejjeb l-amministrazzjoni eżekuttiva kemm-il darba tkun effettiva. F'dan il-kuntest wieħed irid isemmi l-ħolqien tal-*Ombudsman* bħala uffiċjal parlamentari li

għandu funzjoni kumplimentarja mal-Parlament għax jesiġi rendikont mingħand l-Eżekuttiv fl-atti ta' amministrazzjoni. Fil-preżent il-Parlament qiegħed ukoll fil-proċess li jikkonsidra abbozzi ta' liġi biex l-Awditur ukoll isir uffiċjal Parlamentari. Hemm ukoll il-ħsieb li jitwaqqaf uffiċċju tal-istatistika u indiċi tal-prezzijiet maqtugħ mill-Amministrazzjoni tal-ġurnata li jkun uffiċċju tal-Parlament u li jirrapporta direttament lill-Parlament permezz tal-iSpeaker.

Dawn huma kollha modi kif is-sovranità kollettiva tal-poplu qiegħda tiġi rikonoxxuta permezz ta' poteri mogħtija lir-rappreżentanti diretti tal-poplu, il-Membri Parlamentari li flimkien mal-President jagħmlu l-Parlament.

Is-sovranità aħħarija hija dejjem dik tal-poplu, ir-rieda tal-poplu trid tmexxina fl-operat kollu tagħna u l-poplu fis-sistema demokratika tagħna jeżerċita d-dritt sovran tiegħu fl-eżerċizzju tal-vot individwali fl-elezzjonijiet. Inkunu qegħdin nonqsu lejn il-memorji u s-sagrifiċċju tal-martri u l-eroj ta' ġrajjiet artna u d-dmir tagħna lejn il-ġenerazzjonijiet ta' Maltin futuri jekk aħna lkoll fdati bit-tmexxija fil-preżent ma narawx li nipperfezzjonaw kemm huwa umanament possibbli difetti li għadhom ixekklu milli l-vot ta' kull ċittadin ikollu rappreżentanza aktar konkreta u diretta fil-Parlament, illi l-Parlament ikun kulma jmur jissodisfa aktar il-ħteġijiet ta' soċjetà moderna li dejjem qed tevolvi, sew bit-tfassil ta' leġiżlazzjoni kif ukoll fl-eżerċizzju ta' kompiti oħra parlamentari. Ma nistgħux nagħmlu dan b'anumu opportunist iżda b'rieda soda li nkomplu nsaħħu dak li writna biex il-poplu tagħna jibqa' miexi 'l quddiem u jiżviluppa bl-aktar mod wiesa' għall-ġid tiegħu nnifsu u ta' dinja li kulma jmur qiegħda tiċkien.